MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' April, 2008

Avviz Numru. 267/2004

**Hal Mann Ltd**

**Vs**

**Dr. Patrick Valentino kuratur ad litem nominat b'digriet tat-tmienja u ghoxrin ta' Ottubru 2005 sabiex jirrapprezenta lis-socjeta Electelle House Limited u Lora Micallef**

**Il-Qorti:-**

Rat illi s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna prevja okkorendi dikjarazzjoni tad-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu koncess lill-konvenuti bis-sahha tal-klawsola Numru 2 ta' skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu datata disgha w ghoxrin (29) t'Ottubru 2002, in forza ta' liema s-socjeta konvenuta kkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici tas-socjeta attrici versu s-somma ta' LM1,712.53 rapprezentanti l-bilanc tal-valur ta' Tueco Rondo Hydrosonic GXL, Teuco 140 Exec u Teuco Fitness

Corner, mibjugha u konsenjati lilha mill-istess socjeta ai termini ta' ftehim datat hdax (11) ta' Lulju 2001, u l-konvenuta Lorna Micallef, f'isimha proprio, ikkostitwiet ruha garanti solidali mas-socjeta konvenuta 'n garanzija tal-pagament lis-socjeta attrici tas-somma ndikata, flimkien u *in solidum* bejniethom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma bilancjali ta' elf, hames mija u tnax-il lira u hamsa u tletin centesmu Maltin (LM1,512.35) minnhom hekk dovuta lis-socjeta attrici ai termini tal-klawsola Numru 5 ta' l-iskrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu datata disgha w ghoxrin (29) t'Ottubru 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata l-ewwel (1) ta' Settembru 2003, u bl-imghax legali dekorribli mill-erbgha w ghoxrin (24) ta' Dicembru 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament ai termni tal-klawsola Numru 5 tal-precitata skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu tad-disgha w ghoxrin (29) ta' Ottubru 2002, kontra l-konvenuti li kienu ngunti 'n subizzjoni.

Rat illi s-socjeta konvenuta debitatament notifikata pprezentat in-nota ta' eccezzjonijiet taghha fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Novembru 2005 tramite il-kuratur nominat sabiex jirrappresenta l-interessi taghha u eccepiet is-segwenti:-

I. Illi f'dan l-istadju huwa muwiex edott mill-fatti tal-kawza peress illi ghadu ma irceviex risposta mis-socjeta minnu rapprezentata.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi l-konvenuta Lorna Micallef kienet notifikata bl-avviz tal-kawza nhar it-tmintax (18) t'April 2007 permezz tal-procedura ta' l-affissjoni ai termini ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap 12 u cioe permezz ta' affissjoni fil-kunsill lokali ta San Pawl il-Bahar, fl-ghassa tal-pulizija ta' San Pawl il-Bahar u permezz t'affissjoni fir-residenza St. Mary Flat 15A, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, kif jirrizulta mit-timbri tal-Marixxal Mario Genius a fol. 72 tergo tal-process u avviz

fil-Gazetta tal-Gvern datata tmienja w ghoxrin (28) ta' Settembru 2007 fol. 80 tal-process u avviz fil-gazetta lokali 'The Times' tas-sbatax (17) ta' Otturu 2007 esebita fl-atti a fol. 83 markata bhala Dok. GV 1 u l-istess konvenuta baqghet kontumaci u m'ipprezentat l-ebda nota t'eccezzjonijiet.

Semghet lix-xhud **Ray Vella** prodott mis-socjeta attrici jixhed nhar l-erbatax (14) ta' Jannar 2008 u dana fil-kapacita tieghu ta' Managing Director tas-socjeta attrici, jispjega li s-socjeta attrici kienet dahlet fi ftehim ta' fornitura ta' materjal ghas-socjeta 'Electelle House Limited' u kien hemm xi problemi ta' hlasijiet fis-sens li s-socjeta konvenuta ma halsitx ghall-materjal li gie konsenjat lilha mis-socjeta attrici.

Is-socjeta attrici pprovat tasal fi ftehim mas-socjeta konvenuta dwar kif kellu jsir il-hlas li kien dovut lilha fl-ammont ta' LM1,700. Jghid li Lorna Micallef assumiet dan l-istess debitu tas-socjeta konvenuta u dan billi hija kellha thallas dan id-dejn permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' mitt lira (LM100) skond ftehim bil-miktub. Jghid illi huwa waqaf mill-kariga tieghu ta' Direttur f'Settembru 2003 u sakemm kien ghadu Direttur kienu saru biss zewg pagamenti ta' mitt lira (LM100) l-wiehed.

Illi nhar it-28 ta' Jannar 2008 xehed **Martin Vella** wkoll prodott mis-socjeta attrici u ukoll fil-kapacita tieghu ta' Direttur, fejn ikkonferma li sa dakinhar li xehed il-bilanc dovut lis-socjeta attrici kien fl-ammont ta' LM1,512,53 u dan skond *invoice* prezentata minnu li giet markata bhala Dok. X (fol. 91).

Huwa kkonferma li kienu saru zewg pagamenti ta mitt lira l-wiehed qabel ma infethet il-kawza odjerna. Ikkonferma wkoll li kien hemm skrittura privata bejn is-socjeta attrici minn naha wahda u s-socjeta konvenuta u Lorna Micallef minn naha l-ohra. Jghid pero li ma setghax isib din l-iskrittura.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li dak allegat mis-socjeta attrici huwa inveritier u fil-fatt is-socjeta konvenuta ma ressqet l-ebda prova kuntrarja ghal dak rilevat mis-socjeta attrici.

Illi l-konvenuta Lorna Micallef baqghet kontumacja.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata biss b'dawk il-provi kif prodotti mis-socjeta attrici u mhux kontestati mill-konvenuti.

Il-Qorti ezaminat l-*invoice* esebit mis-socjeta attrici a fol. 91 w in vista tal-fatt li l-konvenuti ma resqu l-ebda prova kuntrarju ghalih, il-Qorti sejra tilqa it-talba attrici.

**Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tiddikjara li l-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu lilhom koncess bis-sahha tal-Klawsola Numru 2 ta' skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu datat disgha w ghoxrin (29) ta' Ottubru 2002, qed tilqa it-talba attrici billi tikkundanna lill-konvenuti jhalsu bejniethom w *in solidum* is-somma ridotta ta' elf hames mija u tnax-il lira u hamsa u tletin centesmu Maltin (LM1,512.35) ekwivalenti ghal tlett elef hames mija tnejn w ghoxrin (5322) Euro kif indikata mix-xhieda attrici u dan bl-imghax skond il-ligi.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti *'n solidum*.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------